MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1239/1994/1

**Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju specjali u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Thos C. Smith Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta` estera L'Union Des Assurances De Paris, kif surrogat fid-drittijiet ta' Los Tres Amigos Limited.**

**v.**

**Alfred Vassallo, Charles Vassallo u l-Perit Anthony Fenech Vella.**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI.

Permezz ta’ ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 30 ta’ Settembru, 1994 l-attur *nomine* ippremetta:

Illi fit-13 ta’ Ottubru, 1992 il-konvenuti Alfred Vassallo u Charles Vassallo kienu qegħdin jagħmlu xogħol taħt id-direzzjoni tal-konvenut l-ieħor il-Perit Anthony Fenech Vella fil-proprjeta` ta’ Paul Camilleri viċin proprjeta` tal-assikurat tal-attur *nomine.*

Illi b’riżultat tan-negliġenza tal-konvenuti jew min minnhom daħal ħafna ilma fil-proprjeta` tal-assikurat tal-attur *nomine* (*survey report* Dok. ‘A’ u rapport tal-Pulizija Dok. ‘B’).

Illi l-attur *nomine* ħallas l-ammont ta’ elf sitt mija u erbatax il-Lira Maltin u sittin ċenteżmi (Lm1,614.60) għad-danni inkorsi mill-assikurat tiegħu skond il-polza tal-assikurazzjoni u ġie surrogat fid-drittijiet tiegħu skond il-liġi.

Illi għalkemm il-konvenuti ġew debitament interpellati sabiex jersqu għal ħlas tad-danni kaġjonati minnhom iżda baqgħu inadempjenti u ma ħallsu xejn u ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti jghidu għaliex din il-Qorti m’għandhiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu responsabbli għad-danni fuq imsemmija billi b’riżultat tan-negliġenza tagħhom daħal ħafna ilma fil-proprjeta` tal-assikurat tal-attur *nomine*.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex iħallsu l-ammont ta’ elf sitt mija u erbatax il-Lira Maltin u sittin ċenteżmi (Lm1,614.60) liema ammont tħallas mill-attur *nomine* lill-assikurat tiegħu skond il-polza.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datat 26 ta’ Jannar, 1994 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-surroga u l-konvenuti jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur *nomine* maħlufa u l-lista tax-xhieda;

Bin-nota tal-eċċezzjonijiet taghhom il-konvenuti Alfred u Charles Vassallo eċċepew:-

1. Illi t-talbiet attriċi, kwantu diretti kontra tagħhom, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-eċċipjenti m'humiex il-leġittimi kontradditturi tal-pretensjonijiet attriċi, u għalhekk huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż tal-attur *nomine;*

2. Illi, fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-premess, kull xogħol magħmul mill-eċċipjenti fil-proprjeta` ta' Paul Camilleri, sar kollu taħt is-superviżjoni u skond l-istruzzjonijiet ta' perit tekniku kompetenti nkarigat mill-proġett;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħrajn.

Il-Perit Anthony Fenech Vella ppreżentata nota ta' eccezzjonijiet fit-28 ta' Novembru, 1994 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, peress li bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-akkadut, jew b'xi mod ikkommetta xi att ta' negliġenza.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

B'sentenza preliminari mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar, 2003 ġiet respinta l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti[1] bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza datata 27 ta' Novembru 2006 bil-mod segwenti:-

[1] Din in-nota ulterjuri tat-tlett konvenuti tinsab a fol. 45 tal-atti.

"Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezjonijiet tal-konvenuti Vassallo iżda tiċħad dawk tal-konvenut Fenech Vella u tilqa' t-talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut imsemmi Anthony Fenech Vella jħallas lis-socjeta` attriċi s-somma ta' elf, sitt mija, erbatax il-Lira Maltin u sittin ċenteżmu (Lm1,614.60) bl-imgħaxijiet jiddekorru min-notifika taċ-ċitazzjoni lill-istess konvenut. L-ispejjeż għandu jħallshom l-istess konvenut eċċetto dawk tal-konvenuti Vassallo illi għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom."

Din is-sentenza nghatat wara li l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi s-socjeta` attriċi qed titlob li tiġi rimborsata għas-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni illi l-istess socjeta` ħallset bħala socjeta` assikuratriċi u allura ġiet surrogata fid-drittjiet tal-assikurat tagħha.

"Jirriżulta nfatti illi l-konvenuti Vassallo kienu qed jagħmlu xi xogħol fi proprjeta` adjaċenti għal dik tal-assikurat tal-atturi, taħt is-supervizjoni tal-Perit Fenech Vella, meta huma tefgħu l-ilma ġo katusa fuq struzzjonijiet tiegħu, u billi din il-katusa kienet magħluqa l-ilma baqa' sejjer fil-proprjeta` tal-assikurat, u ġiet ikkawżata l-ħsara msemmija.

"Il-konvenuti qed jiċħdu r-responsabbilita` – il-konvenuti Vassallo qed jgħidu li m'humiex legittimi kontradditturi u li f'kull każ huma dejjem segwew l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat u l-konvenut Fenech Vella qed jeċċepixxi li mhux responsabbli għall-akkadut.

"Mill-provi jirriżulta li ħadd mill-konvenuti ma vverifika fejn kien sejjer l-ilma li huma bdew ibattlu – ara fol 231 u 232. Il-perit tekniku ikkonkluda hekk ir-relazzjoni tiegħu;

""*Mhux kontestat illi fil-post kien qed isir tbattil tal-ilma minn ġiebja fuq ordni tas-sid Paul Camilleri li ried juża l-vojt tagħha għall-użu tiegħu. Mhux kontestat li t-tbattil beda jsir bl-ilma ppumpjat għat-triq, sakemm dan ix-xogħol twaqqaf mill-pulizija u wara l-ilma beda jinxteħet fuq wara. Kien hawn li wasal il-Perit Fenech Vella li*

*waqqaf dan it-tbattil u ordna li l-ilma jinxteħet ġos-sistema tad-drenaġġ.*

““*L-esponent huwa tal-opinjoni li l-konvenuti Vassallo, għalkemm parteċipi fil-kreazzjoni tal-inċident, obdew ordni tal-Perit Fenech Vella li wara li dan waqqafhom mill-operat tagħhom u ordnalhom biex l-ilma jinxteħet band' oħra minn fejn kienu qed jixħtuh huma.*

““*Illi l-inċident kien wieħed sfortunat stante li l-Perit Fenech Vella nvolva ruħu fid-direzzjoni tax-xogħol waqt li kien fuq il-post għal raġunijiet li ma kellhomx x'jaqsmu direttament mat-tbattil tal-ilma tal-ġiebja. Infatti ma rriżultax illi l-Perit Fenech Vella kien jaf li l-ilma tal-ġiebja kien qed jitbattal qabel ma waqaf fuq il-post. Li ġara kien li meta wasal fuq il-post u sab li t-tbattil tal-ilma kif kien qed isir kien ser jikkawża ħsara lill-hotel retropost għas-sit de quo, ħa d-deċiżjoni li fiċ-ċirkostanzi deherlu li kienet l-unika fattibbli, biex l-ilma jinxteħet ġos-sistema tad-drenaġġ u fil-pressjoni tal-mument ma nvestigax jekk din is-sistema kinetx għadha tiffunzjona.*

““*Il-Perit Fenech Vella bid-deċizjoni tal-mument meħuda għall-aħjar, sfatlu agħar, u kif jingħad wara, kulħadd għaref. Infatti li kieku ma kellux jieħu deċizjoni dak il-ħin biex ix-xogħol ma jitwaqqafx. Seta' waqqaf ix-xogħol sabiex tiġi investigata jekk is-sistema kinitx għadha tiffunzjona jew jordna li l-ilma jinxteħet f'bowsers miġjuba apposta. Sfortunatament il-Perit Fenech Vella ħa deċiżjoni l-iktar prattika u tal-mument fl-interess tal-esekuzjzoni tax-xogħol li kien qed isir.*

““*Illi l-esponent huwa tal-opinjoni illi r-responsabbilita` tal-akkadut fost il-konvenuti għandha tiġi addossata lill-Perit Fenech Vella.*” (Fol 234 *et sequitur* tal-proċess).

“Il-konvenut Perit Fenech Vella u l-atturi ppreżentaw nota tal-osservazzjonijiet u fil-fehma tal-Qorti l-iktar sentenza li tiġbor fiha s-sustanza tal-kawża hija dik indikata mill-atturi u cioe' li kif qal l-espert tekniku fir-rapport tiegħu l-konvenut ħa deċiżjoni urġenti li kienet waħda prattika fis-sens li x-xogħol li kien qed jagħmel il-klijent tiegħu ma jiġix

interrott u mtawwal – meta għamel dan pero` naqas li jieħu l-prekawzjonijiet mistennija minn bniedem professjonali biex jara li ma ssirx ħsara lil terzi. Huwa minnu li kienet ċirkostanza sfortunata li wasslet għall-ħsara, iżda professjonist huwa tali appuntu għaliex bit-tagħrif illi jkun ħa, jieħu dik il-prudenza neċessarja biex tiġi evitata l-ħsara.

“Is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Ottubru, 1958 fl-ismijiet Marianna Cini vs Paolo Galea et tagħti riassunt tajjeb tal-obbliġi ta’ perit arkitett waqt xogħlijiet li jkunu qed isiru taħt superviżjoni tiegħu u anke dwar l-obbligi tal-bennej. Fost affarijiet oħra s-sentenza tgħid hekk:

““*Dover għalhekk formalment assunt u impost mil-liġi tal-perit hu dak li huwa juża l-abilita` u diliġenza meħtieġa biex fl-esekuzzjoni ta’ dak il-bini xejn ma jsir li jista’ jikkaġuna periklu jew ħsara; huwa dmiru li jara li l-bennejja li jkunu se jaħdmu taħtu jkunu liċenzjati u anke jekk liċenzjati għandu jiddireġi x-xogħol huwa nnifsu u jissorvelja x-xogħol b’mod li ma jħallix isiru operazzjonijiet kontra s-sengħa u li jikkreaw periklu. Mhux biżżejjed għall-perit li jsaqsi lill-bennej x’inhu jagħmel u joqgħod fuq dak li qallu l-bennej imma għandu jaċċerta ruħu personalment u direttament x’ikun qed isir u huwa responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza mingħajr ma jista’ jinvoka favur tiegħu l-każ fortuwitu għax il-każ fortuwitu ma jesonerax mir-responsabbilita` meta jkun preċedut minn dolo jew ħtija ta’ min jinvokah.*

““*Il-bennej ukoll hu responsabbli għad-danni jekk fix-xogħol tiegħu huwa juri nuqqas ta’ ħila u diliġenza; u ma jistax jeħles minn din ir-responsabbilita` billi allega illi ladarba kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol u dan ma taħx struzzjonijiet diversi allura huwa neħħa kull responsabbilita` u tefaha fuq il-perit. Għad illi kien hemm perit inkarigat mid-direzzjoni tax-xogħol, dan ma jeħlisx lill-bennej li bħala mgħallem indaħal għax-xogħol u fil-fatt esegwih u għalhekk għandu josserva d-diliġenza u jkollu l-ħila meħtieġa. Jekk il-perit kien ħati talli*

*ma dderiġiex u ma ssorveljax ix-xogħol kif kien dmiru, dan ma jesonerax lill-bennej imma anzi jkabbar ir-responsabiltajiet tiegħu. Qabel ma jindaħal għax-xogħol huwa għandu jkollu l-kapaċita' teknika meħtieġa, jekk ma kellux din il-kapaċita' kellu jfittex id-direttivi tal-perit. U allura lanqas hu ma jista' jinvoka favur tiegħul-każ fortuwitu.*"

"Fil-każ in eżami l-konvenuti Vassallo aġixxew fuq struzzjoni speċifika tal-Perit Fenech Vella u għalkemm hu aċċettat li dan sar biex jiġu evitati danni lil terzi oħra, il-kawża prossima tad-danni kawżati kienet din l-istruzzjoni u l-perit seta' evita d-danni għal kollox kieku waqqaf ix-xogħol kif semma l-espert tekniku; il-Qorti pero` se tieħu dan in konsiderazzjoni meta tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż.

"Dwar l-ammont ma hemm ebda kontestazzjoni u jirriżulta mill-provi li l-ammont mitlub ġie mħallas mill-attur *nomine* lill-assikurat tiegħu."

**L-appell tal-konvenut l-Perit Anthony Fenech Vella.**

Il-Perit Anthony Fenech Vella hass ruhu aggravat fiz-zewg sentenzi fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors tal-appell intavolat fit-18 ta' Dicembru 2006 talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tirrevoka "s-sentenza appellata" u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati minnu, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata.

L-attur appellat ipprezenta risposta datata 9 ta' Frar 2007 fejn, filwaqt li sostna li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, talab li l-appell tal-konvenut jigi michud bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenut il-Perit Anthony Fenech Vella.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

L-aggravji tal-appellanti huma bazikament fis-sens li (a) s-socjeta` assiguratriċi appellata ma kinitx obbligata tħallas lis-soċjetà assikurata Los Tres Amigos Limited tad-danni li rriżultaw fil-proprjetà tal-istess soċjetà assikurata; (b) li ma

saret ebda prova tas-surroga illi hija ghandha fid-drittijiet tal-assigurata; (c) l-appellant ma kienx responsabbli ghall-incident li sehh f'Ottubru 1992 u dan ghaliex huwa ma kienx negligenti; (d) li subordinatament u bla pregudizzju r-responsabbilta` hija kemm tal-arkitett u kemm tal-kuntrattur; u (e) ma giex ippruvat li s-socjeta` Tres Amigos Limited sofriet id-danni mitluba fic-citazzjoni attrici.

<u>L-ewwel aggravju:-</u>

Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant isostni illi s-socjeta` assiguratriċi appellata ma kinitx obbligata tħallas lis-soċjetà assikurata Los Tres Amigos Limited tad-danni li rriżultaw fil-proprjetà tal-istess soċjetà assikurata. L-appellant f'dan il-kuntest jghid li s-soċjetà Los Tres Amigos Limited ma kinitx koperta u assigurata fuq hsara illi ssehh fil-*basement* jew *semi-basements* tal-fond Rock Cafe', St. George's Street, Paceville*.* Di konsegwenza, isostni l-konvenut appellanti, ir-rizarciment illi sar mis-socjeta` attrici appellata lill-assigurata taghha, sar *ex gratia* u ghalhekk issa s-socjeta` appellata ma tistax taghmel pretensjonijiet kontra l-konvenuti a bazi ta' din il-polza.

Dan l-argument fil-fatt tressaq permezz ta' eccezzjoni fl-ewwel istanza min-naha tat-tlett konvenuti, li giet michuda permezz tas-sentenza preliminari tas-7 ta' Frar 2003 (fol. 187).

Permezz ta' din is-sentenza tas-7 ta' Frar 2003, il-Qorti ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri u dan peress li hija dehrilha li l-ftehim ta' assigurazzjoni bejn is-socjeta` Los Tres Amigos Limited u s-socjeta` assiguratrici kien ikopri l-fond kollu in kwistjoni u li l-partijiet certament ma kienux qeghdin jeskludu l-parti li tintuza bhala *disco* li tigi fil-livell ta' *basement* minkejja l-klawsola li kienet tinsab fil-polza li kienet teskludi l-"*property in basements or semi-basements or in the open*".

Minn ezami tal-provi prodotti quddiemha, l-Qorti tal-Prim Istanza waslet għall-konkluzjoni li l-ftehim privat ta' assigurazzjoni bejn iz-zewg partijiet ikkoncernati kien intiz

li jinkludi assigurazzjoni fuq il-partijiet kollha uzati bhala "night club" u l-kontenut taghhom, inkluz id-"dance floor" tal-fond Rock Cafe', St. George's Street, Paceville. Fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mir-rapport tal-Perit Attard Montalto lis-socjeta` assiguratrici (Dok. "AMM") fejn jirrizulta li l-istess socjeta` assiguratrici dejjem ikkunsidrat li hija kienet tkopri l-fond in kwistjoni u certament dan kien jinkludi l-partijiet kollha uzati bhala *"night club"* u l-kontenut taghhom u allura l-*area* tad-*"dance floor".* Fil-fatt inghad li dan huwa l-unika mod kif setghet tigi nterpretata din il-polza relattiva u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti ma hemm xejn li jista' jwassal ghall-konkluzjoni differenti anzi jirrizulta li r-ragonament li sar mill-ewwel Qorti huwa ben motivat u tikkonferma l-principju li l-polza ta' assigurazzjoni huwa bbazat fuq *utmost good faith* u li mill-provi jirrizulta b'mod konvincenti li meta l-firmatarji dahlu f'dan il-kuntratt ta' assigurazzjoni bejniethom huma certament ma riedux jeskludu *d-disco* mill-koperta pattwita.

Din il-Qorti hi tal-fehma li effettivament ghalkemm kif inghad fis-sentenza **Atlas Insurance Agency Ltd noe et vs Callus Andre' Joseph** (P.A. (A.M.) - 9 ta' Jannar 2002) kull arrangament li seta' kien hemm bejn l-assigurazzjoni u l-assigurat taghha dwar l-ammont ta' kumpens li ghandu jinghata wara incident huwa *"res inter alios acta"* ghall-persuna l-ohra involuta fl-incident u bl-ebda mod ma jobbliga lil tali persuna li thallas kull ammont li l-assikurazzjoni joghgobha thallas lill-assikurat taghha, f'dan il-kaz jirrizulta li effettivament il-parti tal-proprjeta` fejn sehhet l-istess hsara kienet koperta taht il-polza ta' assigurazzjoni u ghalhekk s-socjeta` attrici, kif kienet obbligata li taghmel hallset lill-assigurat taghha a bazi tal-istess polza, u b'hekk giet surrogata *ex lege* fid-drittijiet tal-istess kontra l-persuna li allegatament ikkagunat l-istess hsara. Ghalhekk dan l-aggravju ma huwiex gustifikat u qieghed jigi michud.

<u>It-Tieni Aggravju:</u>

Permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-appellant jikkontendi illi jhoss ruhu aggravat bis-sentenza tas-27 ta' Novembru

2006 peress illi s-socjeta` attrici appellata ma ressqet l-ebda prova tas-surroga illi hija ghandha fid-drittijiet tal-assigurata.

Fl-ewwel lok f'dan il-kuntest jinghad, kif korrettement gie rilevat mis-socjeta` attrici appellata, illi l-aggravju jikkostitwixxi punt gdid illi fi kwalunkwe kaz kellu jitressaq bhala eccezzjoni formali fl-ewwel istanza. Huwa fil-fatt risaput u pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi fl-istadju tal-appell ma jistghux jigu sollevati punti godda li ma gewx trattati fil-Prim Istanza u dan kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel u Theresa konjugi Tabone vs David u Rose konjugi Tabone** (A.C. – 31 ta' Jannar 2003) fejn gie riaffermat illi:-

"*Din il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prim istanza u li konsegwentement ma hemm ebda decizjoni dwarhom. Dana mhux biss inkwantu tali ndagini tkun tinnecessita s-smigh ta' provi godda fuq il-kwistjoni gdida sollevata fir-rikors tal-appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan li stadju fuq materja gdida li ma kinitx mertu mis-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-doppio esame. Dan id-dritt jigi nieqes kemm-il darba din il-Qorti kellha tindirizza l-aggravju kif prospettat fir-rikors ta' l-appell li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li gie diskuss quddiem l-ewwel qorti.*"

Pero` anke kieku kellu dan l-aggravju kellu jigi kkunsidrat jirrizulta wkoll li dan huwa nfondat ghaliex is-surroga favur is-socjeta` attrici sehhet a bazi tal-**artikolu 1166 (c) tal-Kap. 16** u cioe` *ipso iure* minn persuna li kienet obbligata ghall-hlas tad-dejn, u allura la darba s-surroga tal-assiguratur fid-drittijiet tal-assigurat iggib successjoni partikolari tal-kreditu bit-trasferiment lill-assigurat tad-drittijiet li kellu l-assigurat naxxenti *ex delicto* kontra min ikkagunalu d-dannu, jsegwi li b'konsegwenza ta' dan, l-assigurazzjoni hija legittimata li tagixxi bis-sahha tas-surroga kontra t-terzi kolpevoli. Dan ifisser li bis-surroga s-socjeta` assiguratrici takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assigurat, bl-istess kontenut u limiti li

fihom kienu dawn l-istess drittijiet fil-mument li taffetwa ruhha l-istess surroga. *"Ghaldaqstant l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-dannegjat di fronte ghad-danneggjant".* (**Untours Insurance Agents Ltd nomine vs Salvatore Zarb** – A.I.C. (PS) – 20 ta' April 2005; **Fogg Insurance Agencies Ltd nomine et vs Raymond Azzopardi –** A.I.C. (PS) – 25 ta' Frar 2004) **Dottor Remigio Zammit Pace nomine et vs Joseph Magro** – P. A. (JSP) – 8 ta' Marzu 1993). Ghalhekk ukoll dan l-aggravju ma huwiex gustifikat u qieghed jigi michud.

<u>It-Tielet Aggravju:</u>

It-tielet aggravju mressaq mill-konvenut appellanti jittratta r-responsabbilta` illi giet attribwita lilu bhala perit arkitett mill-ewwel Qorti. Permezz ta' dan l-aggravju huwa qed isostni li kellu jigi ezonerat minn kull responsibbilta` u dan peress illi d-dannu soffert ma sehhx b'rizultat ta' negligenza min-naha tieghu.

Permezz ta' dan l-aggravju, din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. F'dan is-sens jinghad illi din il-Qorti (diversament komposta), fil-kawza bl-ismijiet **Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited** (A.C. - 4 talulju 2008) irrilevat illi:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi"*

Fil-kaz in ezami jidher illi l-ewwel Qorti strahet kwazi kompletament fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku l-AIC Rene` Buttigieg, u ghalhekk sabet lill-Perit appellanti unikament responsabbli ghall-incident li sehh u dan minghajr ma approfondiet il-hsieb sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti kellha qabel xejn thares lejn id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw ir-responsabbilta` akwiljana b'mod partikolari lejn id-disposizzjoni li tirrigwarda l-grad ta' diligenza illi ghandha tigi adoperata fl-analizi tar-responsabblita` *o meno* ghall-hsara li tkun twettqet lil terzi. **L-artikoli 1030, 1031 u 1032 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdu hekk kif gej:-

**1030.** *"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu.*

**1031.** *"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".*

**1032. (1)** *"Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

*(2) "Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar".*

Il-ligi tqis fi htija lil min jonqos illi jezercita l-prudenza u d-diligenza u l-hsieb tal-*bonus pater familias* pero` l-ligi ma tistennix grad akbar ta' prudenza u diligenza **(Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg proprio et nomine" -** P.A (TG) – 18 ta' April 1963; **Victor Savona vs Dr. Peter Asphar et** – A.C. – 2 ta' April 1951).

Minn ezami tal-provi mressqa, jirrizulta illi l-konvenuti Vassallo kienu gew inkarigati sabiex iwaqqghu l-bini ezistenti, ihammlu u jaqtghu l-blat; meta l-bini twaqqa', sar it-tindif bil-gaffa, u meta sar dan kien hemm bir li s-sid ried li jitbattal sabiex minflok l-istess spazju jigi uzat bhala kamra. Ghalhekk l-istess kuntratturi bdew jitfghu l-ilma barra in parti ghat-triq, u gol-plot il-vojta tal-istess sid, izda peress li din kienet ser tikkawza hsara fil-hotel retroposta ghas-sit *de quo*, l-perit appellant, li ma kellux x'jaqsam fl-inkarigu tieghu mat-tbattil ta' din il-vaska, idderiga lill-istess konvenuti sabiex jixthu l-ilma god-*drainage system* tal-istess binja u dan sar mill-istess perit tekniku, anke

peress li huwa kien familjari mal-istess bini peresss li kien involut fil-konversjoni tal-bini originali ghar-Rock Cafe` Complex.

Jirrizulta li d-*drain pipe* li fih inxtehet l-ilma mill-konvenuti Vassallo minkejja illi ghal xi zmien kien jaghmel parti mis-sistema tad-*drain* originali, ghal xi raguni, inqatghet parti minnu fil-kantina tal-istabbiliment Rock Cafe fejn irrizulta l-gharar. Jinghad illi dan sar *ad insaputa* ta' kulhadd. Jidher illi, fi kliem il-Perit Fenech Vella stess, "*ma kien hemm l-ebda indikazzjoni, vizibbli jew fizika, fuq il-post biex wiehed jinduna bil-qtugh tal-pipe fil-kantina".*

Fid-dawl ta' dan kollu u jekk jigu applikati l-provvedimenti tal-ligi elenkati hawn fuq, jinghad illi fl-ewwel lok l-istess perit tekniku ma kien bl-ebda mod inkarigat mit-tbattil ta' ilma fl-istess giebja u dan kien qed issir mill-konvenuti l-ohra fuq struzzjonijiet diretti tas-sid tal-istess fond fejn kien qed isir ix-xoghol; fit-tieni lok jirrizulta li meta l-perit appellant wasal fuq il-lant tax-xoghol induna li bil-mod kif kien ser isir it-tbattil ta' ilma mill-konvenuti f'ghalqa retroposta fejn kien qed isir zvilupp, kien ser jigi kkagunat gharghar fil-lukanda li tmiss mal-istess ghalqa, u kull ma ghamel l-istess perit arkitett kien li waqqaf milli ssir l-istess hsara. Dan billi qal lill-konvenuti Vassallo sabiex jitfghu l-ilma fis-sistema tad-drenagg minghajr ma gie indikat mil-liema katusa dan kellu jsir.

Fil-fatt jirrizulta li l-konvenuti l-ohra ghazlu din il-katusa partikolari li kienet tifforma parti mis-sistema tal-katusi tad-drenagg, liema katusa (irrizulta wara) kienet giet stakkata mis-sistema, u skond ix-xhieda ta' Paul Camilleri, (li kien ordna li jsir l-istess xoghol, u li qabel kien il-proprjetarju tal-istess blokka), tali bini kellu sistema ta' drenagg komuni, li dejjem baqghet kif kienet, hlief ghal din il-katusa, li rrizulta biss wara l-akkadut, li minghajr pre-avviz ta' xejn u lil hadd, gie skopert li din kienet giet imblukkata, u dan sar proprju mis-socjetalos Tres Amigos Limited, l-assigurati tas-socjeta` attrici, u dan kif jidher li kkonstata l-mibki Perit Tekniku Rene` Buttigieg fir-risposta tieghu in eskussjoni (5 ta' Ottubru 2005 – fol. 290).

Fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-istess perit appellant ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hsarat allegati mertu tal-kawza odjerna, u dan ghaliex l-istess perit ma tax l-istruzzjonijiet sabiex l-ilma jitbattal minn tali katusa partikolari u dan anke in vista tal-fatt li t-tbattil tal-ilma mill-fond *de quo* lanqas kien jifforma parti mill-inkarigu tieghu; kull ma ghamel l-istess perit kien biss li dderiga li kif kien qed jitbbattal l-ilma kienet ser issir hsara lill-lukanda indikata u ghalhekk l-ilma kellu jitbattel fil-*main drainage system*; jirrizulta wkoll li l-katusa formanti mill-istess sistema ta' drenagg, li giet maghzula mill-konvenuti l-ohra, kienet giet stakkata mill-kumplament tas-sistema, *ad insaputa* ta' kulhadd u minghajr indikazzjonijiet ta' xejn mill-istess socjeta` koperta mis-socjeta` attrici; u jinghad ukoll li tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li fil-mument li ntefa' l-ilma fl-istess katusa <u>ma kien hemm xejn x'jindika lill-perit li tali katusa kienet giet distakkata mis-sistema komuni tad-drenagg</u>. Fil-fatt huwa sinfikanti li fl-eskussjoni tieghu l-istess perit tekniku nominat mill-Qorti sostna li huwa ma qalx li l-perit appellanti kien negligenti, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din hija sinifikanti ghaliex twaqqa' ghall-kollox il-konkluzjoni peritali raggunta fir-rapport tieghu, u dan peress li manifestament tikkontrasta mal-istess. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan kollu ma giex ikkunsidrat fis-sentenza appellata, u certament li f'dan l-istat ta' provi ghandu jinghad li ma gietx ippruvata n-negligenza tal-perit arkitett appellanti.

Jinghad ukoll li kwantu ghall-allegati verifiki li inghad li kellu jaghmel il-Perit fuq is-sistema tad-*drains*, irid jinghad illi rrizulta mill-provi illi parti mill-katusi jkun ghaddejjin minn taht l-art u ghalhekk inaccessibbli. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn mal-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku li fihom sahansitra jikkontempla u jissuggerixxi illi l-Perit Fenech Vella kellu fost affarijiet ohra *".... [i]waqqaf ix-xoghol sabiex tigi investigata jekk is-sistema kinitx ghadha tiffunzjona, ...".* Fl-opinjoni tal-Qorti, din hija mizura ta' natura ghal kollox straodinarja u certament il-Perit Fenech Vella m'ghandux ikun mistenni jadopera tali mizura iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra dak kollu fuq rizultanti.

Fi kliem iehor, b'ezercizzju ta' diligenza u prudenza hekk kif mitlub mil-ligi, l-perit appellant ma setax jipprevedi illi l-katusa in kwistjoni kienet giet stakkata. F'dan is-sens, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** (A.C. – 28 ta' Frar 2001) b'mod partikolari ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti. Il-konsiderazzjonijiet, anke tal-ewwel Qorti, minkejja li kienu fl-ambitu tal-kaz fortuwitu (peress illi l-kaz kien jittratta gharar b'rizultat ta' maltempata), huma relevanti ghall-kaz in ezami. Fil-kaz hawn citat, il-Qorti uzat il-kriterju tal-prevedibilita` *ossia* jekk wiehed setax b'ezercizzju ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' *bonus pater familias* jipprevedi l-hsara li tkun sehhet. Fil-kaz in ezami, minghajr ma qieghed jinghad illi l-akkadut fil-fatt kien rizultat ta' fatt fortuwitu, ma jistax jinghad illi d-dannu li sehh seta' jigi previst b'ezercizzju ta' ghaqal u diligenza ordinarja.

F'dan il-kuntest huwa rilevanti li jinghad li in vista ta' dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Perit konvenut adopera d-diligenza u ghaqal kif jitlob l-**artikolu 1032 tal-Kap. 16** u agixxa fil-grad ta' diligenza rikjesta mil-ligi, u bl-ebda mod ma kien negligenti fl-agir tieghu, b'mod li ma' jistax jinghad li huwa kien negligenti u responsabbli ghall-istess incident, u dan anke ghaliex altrimenti jigi assoggettat ghall-grad ta' diligenza akbar minn dik mistennija bil-ligi **(Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et** (A.C. – 27 ta' Mejju 1991); **Victor Savona proprio et nomine vs Dr. Peter Asphar** (A.C. – 2 ta' April 1951). Dan qed jinghad meta jidher car li l-kawza odjerna hija bbazata fuq *culpa aquiliana* u ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet fuq citati tal-**Kap. 16.** Ghalhekk din il-Qorti ma tikkondividix il-hsieb tal-ewwel Qorti u hija tal-fehma li dan l-aggravju huwa gustifikat u jimmerita illi jintlaqa'.

<u>Ir-raba' aggravju:</u>

Permezz tar-raba' aggravju, l-appellanti jissottometti illi l-kuntratturi ghandhom igorru tal-inqas parti mir-responsabbilta` ghall-akkadut f'kaz li l-appellanti jinsab b'xi mod responsabbli u f'dan is-sens jiccita s-sentenzi fl-

ismijiet **Anthony Saliba vs Alfred Delia** (P.A. (D.S) – 24 ta’ Ottubru 2003) u **Lilian Stilon DePiro pro et noe et ve Henry Ghirlando** (Qorti tal-Kummerc - 20 ta’ Marzu 1962).

F’dan ir-rigward, peress illi l-perit appellanti ser jigi ezonerat mir-responsabbilta` u dan in vista tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, din il-Qorti ma thoss illi ghandha taghmel ebda apporzjonament hekk kif mitlub u dan apparti kunsiderazzjonijiet ohra fattwali fejn irrizulta bic-car li ma kien hemm xejn sabiex l-istess konvenuti setghu jissopponu li l-katusa minnhom uzata kienet giet imblukkata u maqtugha mis-sistema komuni tad-drenagg tal-istess blokk.

Il-hames aggravju:

Permezz tal-hames aggravju, l-appellanti jsostni illi s-socjeta` attrici ma ppruvatx id-dannu fl-ammont mitlub fic-citazzjoni. Fid-dawl tal-fatt li dina l-Qorti sabet gustifikat it-tielet aggravju tal-appellant, mhuwiex mehtieg li l-hames aggravju jigi ttrattat ulterjorment.

## III. KONKLUZJONI

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti filwaqt illi tikkonferma s-sentenza parzjali tas-7 ta’ Frar, 2003, u tikkonferma s-sentenza tas-27 ta’ Novembru 2006 in kwantu tolqot l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vassallo, tilqa’ l-appell tal-konvenut appellant fir-rigward tas-sentenza tas-27 ta’ Novembru 2006 u b’hekk din is-sentenza qed tigi revokata billi qed tintlaqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut appellant u **tichad it-talbiet attrici** fil-konfront tal-istess Perit Anthony Fenech Vella.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata, hlief ghal dawk tal-konvenuti Vassallo li jibqghu kif decizi bis-sentenza tas-27 ta’ Novembru 2006, u l-ispejjez konnessi mas-sentenza tas-7 ta’ Frar 2003 li jibqghu kif hemm decizi f’dik is-sentenza ta’ Frar 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------